MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 2051/1998/1

**Suzanne Zammit Cutajar**

**vs**

**Paul Zammit Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti, konjugi Zammit Cutajar, infirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit fil-21 ta' Mejju 1990 (Dokument "A");

Illi b'effett ta' dan l-Att l-attrici giet bil-kura u l-kustodja tat-tfal Rachel u Steve, ahwa Zammit Cutajar, dak iz-zmien it-tnejn minuri;

Illi a tenur tal-Artikolu numru hamsa (5) tal-imsemmi kuntratt gie stabbilit illi l-konvenut huwa obbligat ihallas is-somma ta’ hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) kull gimgha lill-attrici, pagabbli kull xahar bil-quddiem, bhala manteniment ghaz-zewgt itfal taghhom, rivedibbli skond il-mezzi tal-konvenut u skond il-bzonnijiet tat-tfal minuri, fuq imsemmija.

Illi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi sal-llum ir-retta alimentarja hawn fuq imsemmija ma gietx riveduta hlief recentement, meta l-imsemmija Rachel Zammit Cutajar, bint il-kontendenti ghalqet il-maggior eta’, u r-retta alimentarja giet immedjatament dimezzata mill-konvenut.

Illi in vista tal-kambjamenti fil-qaghda finanzjarja tal-konvenut hemm lok ghar-revizjoni tal-manteniment.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-bzonnijiet tal-minuri tifel, Steve, u in vista tad-dispozizzjonijiet hawn citati tal-kuntratt ta’ separazzjoni fuq imsemmi, tillikwida l-manteniment hekk pagabbli mill-konvenut f’somma superjuri ghal dik stabbilita fl-imsemmi kuntratt u dan b’effett minn dik id-data illi tigi stabbilita appozitament minn dina l-Qorti.

2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici r-retta alimentarja hekk stabbilita u dan ukoll b’effett mill-imsemmija data ordnata minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 16 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-21 ta’ Gunju 1999 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attrici tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza; u tal-25 t’Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-4 ta’ Novembru 1999 a fol. 25 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda *stante* illi l-mezzi finanzjarji tal-konvenut illum huma ferm anqas milli kienu meta sar l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, kif jigi trattat ahjar waqt il-kawza u ghalhekk il-konvenut m’ghandux ibaghti l-ispejjez ta’ dina l-kawza.

2. Illi *di piu’*, il-minuri Steve qieghed ighix mal-konvenut u jmur mal-attrici fil-*weekend* biss, u ghalhekk m’hemmx lok ghal awment fil-manteniment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 25 u 26 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta’ Marzu 2000; tas-6 ta’ Lulju 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti; tas-27 t’Ottubru 2000; tat-18 ta’ Jannar 2001; tat-23 t’April 2001 fejn xehed il-konvenut; tat-22 ta’ Gunju 2001; tat-3 ta’ Dicembru 2001; tat-8 ta’ Jannar 2002; tad-19 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-17 t’April 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju; tat-3 t’Ottubru 2002 fejn il-Qorti ordnat li jinzammu zewg seduti ghall-provi kollha li fadal; u tal-11 ta’ Dicembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ sittin (60) gurnata u l-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jzomm l-ahhar zewg seduti.

Rat in-nota tal-konvenut datata 5 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta' ibnu Steve Zammit Cutajar.

Rat il-verbali tal-10 t'April 2003 u tat-28 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi gew konkluzi, u ppreﬁggiet terminu ta' sittin gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li l-manteniment tat-tifel minuri Steve jigi likwidat f'somma akbar minn dik stipulata fi klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet datat 21 ta' Mejju 1990, pubblikat min-Nutar Dr. John Cachia Zammit u esebit bhala Dok "A" a fol. 5 tal-process.

Illi skond klawsola 5 tal-istess kuntratt il-konvenut odjern obbliga ruhu li jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' Lm35 fil-gimgha pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-attrici ghal dawk li kienu zewg minuri dak iz-zmien, Rachel u Steve, u fl-istess dispozizzjoni hemm indikat li *"parties furthermore agree that the maintenance herein stipulated shall be reviewed, and when necessary, increased from time to time in accordance with the means of the appearer Paul Zammit Cutajar and the needs of the said minor children".*

Illi jidher li qabel ma giet istitwita l-kawza l-minuri Rachel kienet gja' saret maggorenni u ghalhekk il-konvenut beda jhallas nofs l-ammont ta' manteniment hemm stipulat fis-somma ghalhekk ta' Lm17.50 fil-gimgha.

Illi din il-kawza giet istitwita fit-13 t'Ottubu 1998 u fiha saru diversi seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth

Gulia li fihom ma sar xejn.  Il-Qorti qed tirreferi ghas-seduti tal-20 ta' Gunju 2002, 8 ta' Lulju 2002, 18 ta' Lulju 2002, 5 ta' Novembru 2002, 10 ta' Dicembru 2002 u 26 ta' Marzu 2003.  F'dawn is-snin kollha li damet pendenti din il-kawza saret xhieda quddiem il-Qorti fejn xehed il-konvenut fit-23 t'April 2001. L-istess konvenut rega' xehed fit-18 ta' Settembru 2002 fejn esebixxa diversi dokumenti. Hemm affidavit tal-konvenut datat 5 ta' Frar 2003 u affidavit ta' dak li kien minuri Steve Zammit Cutajar, iben il-kontendenti li dwaru saret il-kawza, datat ukoll 5 ta' Frar 2003, fejn l-istess xhud jghid li ghandu ghoxrin (20) sena. Fl-ahharnett hemm ix-xhieda tal-attrici datata 19 ta' Frar 2003 u terga' tal-konvenut datata 30 t'April 2003.

Illi ovvjament din il-kawza damet pendenti hafna aktar minn dak necessarju, anke minhabba li l-partijiet damu wisq ma kkonkludew il-provi taghhom, b'dan li llum in kwistjoni dwar manteniment tal-minuri Steve Zammit Cutajar, jew ahjar awment fil-manteniment ghall-istess minuri, lanqas gha
dha treggi peress li kif xehed hu f'din il-kawza huwa sar maggorenni.  Jidher ghalhekk li l-Qorti qed tigi mitluba li taghti sentenza fuq talbiet li m'ghadhomx relevanti ghad-data tal-llum.

Illi sabiex din il-Qorti tkun ezawrjenti f'dak li jista' jkun illum relevanti ghat-talba attrici, jista' jkun li din ghandha xi valur dwar arretrati ta' manteniment ghaz-zmien minn meta nfethet il-kawza sa meta l-istess Steve sar maggorenni, haga li hija dubjuza, izda fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss li anke z-zmien meta l-istess Steve Zammit Cutajar kien ghadu minuri ma ngabux provi sufficjenti biex juru la li l-mezzi tal-konvenut zdiedu minn dakinhar meta gie stabbilit il-manteniment sal-gurnata meta ntalbet ir-revizjoni, u lanqas li l-bzonnijiet tal-minuri zdiedu fl-istess terminu.

Illi anzi mill-provi prodotti principarjament mill-konvenut jirrizulta mill-atti processwali li effettivament l-introjtu tieghu jekk zdied, zdied bi ftit, kif jirrizulta mir-rendikont minnu esebit bhala Dok "PZC6" a fol. 69 tal-process. Dan apparti li minn dokumenti ohra esebiti jirrizulta illi

f'certu kazijiet l-introjtu tieghu naqas ukoll. Apparti dan hemm ix-xhieda ta' Steve Zammit Cutajar innifsu illi l-istess konvenut apparti l-manteniment indikat fil-klawsola 5 tal-istess kuntratt fornih b'diversi ammonti ohra u spejjez li jirrizultaw kemm mill-affidavit tieghu, kemm mid-dokument "SZC1" a fol. 107 tal-process u wkoll mix-xhieda tal-istess konvenut.

Illi parti kbira minn dawn l-istess ammonti zborzjati mill-konvenut fuq dak li kien it-tifel minuri Steve, saru wkoll in adempjiment ta' klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni precitat fejn l-istess konvenut apparti l-manteniment indikat fi klawsola, kellu jaghmel *fronte* ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u skola tal-istess minuri, inkluzi trasport, kotba w uniformijiet flimkien ma' spejjez medici straordinarji.

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li t-talbiet attrici anke ghaz-zmien meta l-istess Steve kien minuri ma jidhrux li kienu gustifikati u ma kellux lanqas jigi b'xi mod moghti xi awment. Dwar dan il-Qorti tinnota wkoll ix-xhieda tal-attrici li apparti l-introjtu taghha hemm indikat bl-ebda mod ma kkontestat jew almenu rnexxielha tikkontrasta x-xhieda u l-provi prodotti mill-konvenut u mill-istess binha Steve Zammit Cutajar. Jirrizulta wkoll li l-minuri kien iqatta' wkoll almenu *weekend* mal-istess konvenut li kien jipprovdi wkoll ghall-manteniment tal-istess.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet premess, u jigi wkoll dikjarat li d-dispozizzjoni dwar manteniment tal-istess minuri ndikati fil-kuntratt ta' separazzjoni precitat m'ghadx illum ghandha effett peress li t-tfal tal-kontendenti nkluz il-minuri Steve msemmi fic-citazzjoni attrici saru maggorenni.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici *stante* li fi kwalunkwe kaz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif premess, u wkoll ghaliex l-istess Steve Zammit Cutajar huwa llum maggorenni.

BL-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------